**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**27 ta' Settembru, 2020**

## ILLUM JUM IL-MIGRANTI U R-REFUĠJATI



Għal dan il-Ħadd dedikat għall-Migranti u Refuġjati, il-Papa Franġisku kiteb ittra lill-Insara kollha. Il-Papa tkellem fuq meta Marija u Ġużeppi kellhom jaħarbu lejn l-Eġittu. Ġesù wkoll, jgħidilna l-Papa, "daq il-qagħda traġika ta' wieħed li kellu jħalli daru." Kuljum naqraw, naraw u nisimgħu dwar refuġjati li jaħarbu mill-ġuħ u l-gwerra. Huwa importanti li aħna l-Insara ma nħallux li qalbna tixraf quddiem dan il-flaġell. Noqogħdu attenti milli nirreduċu dawn in-nies għal sempliċi numru. Alla jgħidilna li dawn in-nies li ħafna narawhom bħala theddida, piż u xkiel, Huwa jarahom bħala okkażjoni biex naqraw is-sinjali taż-żminijiet u narawhom bħala opportunità biex ngħixu l-Vanġelu.

***L-Arċipriet***

---

### SCAFFOLDING ĠDID FIL-KNISJA

Min jidħol fil-knisja jara li ntrama scaffolding fil-korsija. Dan sabiex issir tiswija urġenti fuq id-disinn magħmul mill-ġibs li jissejjaħ pasta. Uħud minnkom għadhom jiftakru meta fil-25 ta'Jannar 1986 kienet waqgħet biċċa pasta kbira mis-saqaf għall-art. Ilu ftit xhur il-perit u xi ħaddiema telgħu jaraw is-sitwazzjoni mill-qrib. Jirriżulta li hemm biċċiet imdaqqsa ta' pasta li nqalgħet u teħtieġ tiġi restawrata u titwaħħal mill-ġdid.

Min jixtieq jgħin f'din l-ispiża kbira, jista' jkellem lil xi ħadd fl-Uffiċċju Parrokkjali.

## AVVIŻI OĦRAJN

**IL-ĦIN TAL-QUDDIES:** mil-lum il-Ħadd, 27 ta' Settembru, il-knisja tmur għall-ħin tax-xitwa. Filgħodu l-ħin tal-quddies jibqa' l-istess. Filgħaxija mit-Tnejn sas-Sibt ikun fil-5:00pm u fis-6:30pm. Il-Ħadd filgħaxija jkun fil-5:00pm u fis-7:00pm.

**GĦAT-TFAL LI SE JAGĦMLU L-EWWEL TQARBINA:** qegħdin nistiednu lit-tfal li se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina s-sena d-dieħla, sabiex jieħdu sehem fil-quddiesa ta' nhar il-Ħadd 4 ta' Ottubru fl-9:45am. Fi tmiem din il-quddiesa se nqassmulhom il-ktieb imħejji apposta għalihom *Niltaqa' ma' Ġesù.*

**IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAT-TFAL:** f'din is-sena tat-tagħlim Nisrani, iċ-ċelebrazzjoni tat-tfal, dik li s'issa kienet issir fil-knisja nhar ta' Tlieta, issa se ssir fis-Sala Parrokkjali KULL NHAR TA' ERBGĦA fis-5.45pm. Dan għamilnieh biex it-tfal jitferrxu aħjar. It-tfal se jinqasmu f'żewġ gruppi: Grupp 1 - Years 2 u 3; Grupp 2 - Years 4 u 5. Fil-prattika dan ikun ifisser li għalissa t-tfal se jkollhom Ċelebrazzjoni darba kull ħmistax-il ġurnata.

**ID-DATA TAL-GRIŻMA TAL-ISQOF:** tbiddlet għall-5 ta' Ġunju, 2021.

**KORS SPEĊJALIZZAT FUQ IL-LITURĠIJA:** id-Djoċesi qed torganizza kors ta' għaxar laqgħat dwar il-liturġija. Il-kors se jibda fl-aħħar ta' Ottubru u jkun kull nhar ta' Ħadd mit-3:00pm sal-4:00pm. Minn kull parroċċa jistgħu jmorru mhux aktar minn 2 persuni. Dawk li jixtiequ jibdew jagħmlu ministeru fil-liturġija u jieħdu sehem f'dal-kors, ikellmu lil Dun Loreto Tabone.

**GRAZZI:** nirringrazzjaw lil dawk kollha li rreklamaw fid-direttorju tan-negozji u servizzi fin-Nadur. Grazzi mill-qalb ukoll lil min ta l-offerta għaċ-Ċentru. Fil-ħarġa li jmiss tal-*Gazzetta tan-Nadur* nagħtukom tagħrif dwar kemm ġbarna minn din l-attività ta' fundraising.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am